**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 401 /2016**

**ND**

**vs**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**(C2833)**

**Seduta tas-7 ta' Novembru 2017**

**L-Arbitru**

**Ra l-Ilment** fejn l-ilmentatur jghid li jhoss li meta kellu l-flus investiti fil-*Lifelink Investment Bond MSV Life,* ma kellux attenzjoni bizzejjed fuq dan l-investiment.

Illi hu kien mar f'Jannar 2011, ghand il-*Financial Advisor,* Adrian C. Theuma, biex jiccekkja kif kien sejjer l-investiment u, dan tal-ahhar, qallu li l-ammont li kellu l-ilmentatur kien nizel b'€1,000. Illi meta staqsih x'l-ahjar li jaghmel, il-*Financial Advisor* qallu li l-ahjar haga kienet li jhallih xahar iehor biex jaraw kif se jmorru s-swieq.

Illi meta rega' mar xahar wara, cioè, fi Frar, qalulu li rega' nizel b'€1,000 ohra, u meta l-ilmentatur rega' staqsa lill-*Financial Advisor* tieghu x'kienet l-ahjar haga li jaghmel, rega' qallu biex ihallih xahar iehor halli jaraw kif se jmorru s-swieq.

Illi gara l-istess f'Marzu. L-ammont rega' nizel b'€1,000, u regghu qalulu biex ihallih ghal xahar iehor biex jaraw kif se jmorru s-swieq.

Illi meta mar f'April, infurmawh li Adrian Theuma kien *sick* u, meta rega' mar wara tlett ijiem, qalulu li kien ghadu *sick*.

F'Mejju, l-ilmentatur, rega' mar u staqsa ghal Adrian Theuma, imma qalulu li ma kienx ghadu jahdem hemm ghax kien lahaq *Manager* fil-*branch* ta' Bugibba. Illi kellu jistenna aktar zmien sakemm il-Bank hatar persuna ohra bhala *Financial Advisor.* Meta nhatret Graziella Arena Dalli f'din il-kariga, l-ilmentatur ghamel

appuntament maghha u ressaq l-ilment tieghu quddiemha, fejn qaltlu li hi kienet ghadha gejja u ma kienitx taf x'ghamel haddiehor. Infurmatu li l-ammont kien rega' nizel b'€2,000 ohra.

Illi l-ilmentatur kellu jigbed l-ammont li kien fadallu fil-*bond* ghax ma setax ikompli jitlef il-flus.

Illi l-ilmentatur qed jitlob li jkollu kumpens ghall-flus li tilef, liema telf jammonta ghal €5,000.

**Ra r-Risposta tal-Provditur tas-Servizz:**

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti bil-preskrizzjoni ta' hames snin ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-allegat agir hazin tal-Bank vantat mir-rikorrent jirrisali ghaz-zmien bejn Jannar u Mejju tas-sena 2011, mentri dan l-ilment gie intavolat fl-10 ta' Awissu 2016, u, ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu kollha respinti;

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess imma dejjem in via preliminari, ghandu jinghad illi l-ilment huwa imsejjes fuq l-inveritjier stante illi jirrizulta illi bejn Dicembru 2004 sa Ottubru 2007, l-ilmentatur hallas l-ammont totali ta' wiehed u erbghin elf, disa' mija u tmienja u disghin Ewro u sittin centezmu (€41,998.60) (Vide Dok A1 u A2 annessi) fi premja. F'Dicembru tas-sena 2011, huwa ghazel illi jifdi din il-polza *MSV Life Insurance Bond Premier* AP014968 (aktar 'il quddiem "il-polza"), u din giet mifdija ghas-somma ta' disgha u erbghin elf, mija u tmienja u ghoxrin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€49,128.48) (Vide Dok B1 u B2 annessi), u dan wara li tnaqqset it-taxxa fuq il-qligh u l-*exit charge* skont it-tariffi u l-kundizzjonijiet tal-polza. Ergo, wara li tnaqqset it-taxxa fuq il-qligh u l-*exit charge* skont it-tariffi u l-kundizzjonijiet tal-polza kif fuq spjegat, l-ilmentatur ippercepixxa profitt nett ta' sebat elef, mija u disgha u ghoxrin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€7,129.88), u mhux telf kif qieghed jipprova jipprospetta l-ilmentatur fl-ilment tieghu;

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, meta l-ilmentatur ghazel illi jifdi l-polza huwa ha decizjoni dwar safejn ried jibqa' jiehu r-riskji

kummercjali fi sfera ta' investiment illi huwa ghazel, u ma jistax illum jillanja illi ma qalax iktar minn sebat elef, mija u disgha u ghoxrin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€7,129.88), gjaladarba kienet decizjoni unilaterali tieghu illi jifdi l-polza f'dak iz-zmien;

4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-ilment huwa kollu msejjes fuq sottomissjoni li tmur ezattament kontra l-principji generali ta' investiment finanzjarju f'ishma jew *bonds* illi, kif inhuwa risaput, il-valur taghhom huwa volatili u ma hemm l-ebda garanzija fis-swieq illi l-investitur ser jaghmel qligh;

5. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, kuntrarjament ghal dak li jissottometti l-ilmentatur, jirrizulta mill-atti nutriti, illi l-Bank lest iressaq quddiem is-Sinjurija Tieghu l-Arbitru, illi, l-*Financial Advisor* tal-Bank offra ghajnuna kontinwa lill-istess ilmentatur sabiex jaghmel sensiela ta' *switches* bejn il-fondi marbuta mal-polza tieghu. Hekk, per ezempju, fil-25 ta' Awwissu 2011, il-*Financial Advisor* ghamel talba f'isem l-ilmentatur sabiex tlettax-il elf, mitejn u tnejn u sittin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€13,262.84) jinqalbu mill-*MSV Fidelity Euro Cash Fund* ghall-*MSV With Profits Funds*, fond illi l-istess ilmentatur kien familjari mieghu ghaliex kien gjà investa fih f'Dicembru 2004. Fl-4 ta' Ottubru 2011, imbaghad, l-istess *Financial Advisor,* rega' ressaq talba ohra f'isem l-istess investitur sabiex ishma f'erba' (4) fondi ohrajn jinqalbu, u cioè, jigu *switched* ghal-*La Valette Malta Bond Fund* u *MSV Fidelity Euro Cash*. Di più, bejn is-snin 2004 u 2011, l-ilmentatur kellu diversi laqghat ma' ufficjali tal-Bank, fosthom *Financial Advisors,* u inghata kull opportunità li jiddiskuti l-andament tal-polza kull meta hass il-htiega. F'din ir-retroxena, ma jistax, bir-rispett kollu, l-ilmentatur jillanja illi ghaliex f'numru ta' xhur bejn Jannar u Mejju 2011, minhabba li gara fis-swieq internazzjonali huwa tilef hamest elef Ewro (€5,000.00). Kellu kull opportunità, kieku ried jew kieku hass il-bzonn, li ma jibqax fl-investiment, illi mal-ewwel xahar l-istess ilmentatur jifdi l-polza. Jekk huwa deherlu illi ghandu jkompli jiehu riskji, ma jistax jaddossa tali riskju fuq il-Bank, ghaliex tali riskji jrid igorrhom l-investitur. Hekk kif il-qligh jaghmlu l-investitur, it-telf korrispettiv irid ukoll jaghmlu l-investitur, u min mhux lest igorr dan ir-riskju, ma ghandux jinvesti;

6. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, l-esponenti, f'din ir-retroxena, tirrileva wkoll, illi qabel ma accettat lill-ilmentatur biex jinvesti, hija ghamlet ukoll sensiela ta' mistoqsijiet, sabiex taghmel *assessment* jekk l-investitur kienx idoneju biex jinvesti u, jirrizulta mir-risposti illi ta lill-Bank, li kopja taghhom qed tigi hawn esebita bhala Dok "C", illi huwa kien idoneju ghall-istess. Ma jistax, issa, il-persuna illi stqarr mal-Bank illi lest li jiehu certu ammont ta' riskji, jillanja biss f'dik il-parti fejn l-investiment tieghu tilef. Wiehed irid jara l-investiment b'mod holistiku, u b'mod holistiku jirrizulta illi l-ilmentatur, finalment, qala' somma ta' flus gmielha mill-investiment tieghu u mhux tilef;
7. Illi, fir-retroxena fuq imsemmija, jigi umilment sottomess illi l-Bank gab ruhu b'mod korrett u segwa l-prassi kummercjali accettata in materja;
8. L-esponenti tixtieq umilment tirriserva illi tressaq provi orali u dokumentarji ulterjuri, kif ukoll sottomissjonijiet kemm orali kif ukoll bil-miktub, waqt is-seduti quddiem is-Sinjurija Tieghu l-Arbitru, sabiex issostni l-pozizzjoni taghha fuq imsemmija.

Ghar-ragunijiet suesposti, il-Bank esponenti jissottometti illi t-talbiet tal-ilmentatur f'dan l-ilment ghandhom jigu respinti.

Bl-ispejjez.

**Ra d-dokumenti kollha esebiti**

**Sema' x-xhieda**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjoni dwar preskrizzjoni:**

Il-provditur tas-servizz isostni li *"... it-talbiet attrici huma preskritti bil-preskrizzjoni ta' hames snin ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-allegat agir hazin tal-bank vantat mir-rikorrent jirrisali ghaz-zmien bejn Jannar u Mejju tas-sena 2011 ..."*[1]

[1] a fol. 40

Huwa maghruf fil-gurisprudenza taghna li hija abbundanti li min jecepixxi l-preskrizzjoni jrid jippruvaha u jipprova wkoll iz-zmien minn meta l-attur (l-ilmentatur) seta' jezercita din l-azzjoni.

Mill-provi jirrizulta li ghalkemm l-ilmentatur kien mar ikellem lil Bank f'Jannar 2011, però, kienu tawh parir li l-investiment jista' jerga' jitla' u hekk baqghu jghidulu sakemm meta rega' mar f'Mejju 2011, biex ikellem lis-Sur Theuma (li f'isem il-Bank kien qed jagixxi ta' *financial advisor* tal-ilmentatur) qalulu li ma kienx hemm u ghaddew ix-xhur qabel ma tawh appuntament biex ikellem *advisor* iehor u kien f'Dicembru 2011 li ghamel *surrender* tal-polza.

L-ilmentatur ma tantx jidher preciz fid-dati li jsemmi, però jidher bl-aktar mod car li sa Ottubru 2011, kien ghadhom ghaddejjin il-konsulti mal-Bank.

Is-Sur Theuma xehed illi :

'*F'Ottubru 2011, ergajna ezaminajna l-investiment u ghamilna nota qasira ghall-file. Il-klijent iddecieda li jipparkja xi fondi li kellu fl-Investment Bond li kienu volatili hafna fosthom Natural Resources Fund, il-Greater China Fund u xi ohrajn fil-Euro Cash Fund. U ghalhekk l-ammont gie kkristalizzat u hemmhekk, la jitla' u lanqas jinzel,"*[2] u, ghalhekk, tal-anqas sa dik id-data zgur li mhux tenut li l-ilmentatur seta' jaghmel l-azzjoni.

L-ilmentatur ressaq il-kaz quddiem l-Arbitru fl-10 t'Awwissu 2016, u ghalhekk ma lahqux ghaddew il-hames snin minn meta seta' jaghmel l-azzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni

**Fil-Mertu**

Qabel xejn, huwa mehtieg li ssir analizi tal-prodott in kwistjoni. Il-prodott (il-polza), li dwaru qed jitressaq dan l-ilment, hu ***BOV Lifelink Investment Bond* – Plan No AP014XXXX**. Din hi polza mibjugha mill-provditur fil-kapacità tieghu ta' intermedjarju ghall-*MAPFRE MSV Life plc.* Il-*BOV Lifelink Investment Bond*, li anke qed tigi riferuta mill-provditur bhala ***MSV Life Insurance Bond Premier* AP014XXXX** ('investiment' jew 'polza'), hi polza *whole of life* li jigifieri m'ghandhiex data tal-maturità u, ghalhekk, thallas f'kaz ta' mewt tal-persuna assigurata jew inkella tkun ghad-diskrezzjoni tad-detentur tal-polza li jiddeciedi

[2] a fol. 94

meta jifdi l-istess polza. Il-polza hija wkoll *unit-linked* li, ghalhekk, il-valur taghha huwa marbut mal-valur tal-fondi sottostanti.

Hekk kif indikat fl-Iskeda tal-Polza[3] (*Policy Schedule)*, id-data tal-bidu tal-polza in kwistjoni kienet it-3 ta' Jannar 2005, fejn l-ilmentatur hallas is-somma ta' €35,010.48 (Lm15,030) bhala primjum inizjali (*initial premium)*. Minkejja li l-Iskeda tal-Polza ma taghmilx distinzjoni bejn l-ammont ta' primjum imhallas u dak eventwalment investit, mill-allokazzjoni tal-fondi jirrizulta li giet imposta tariffa ta' madwar €69.88 (Lm30) bhala *policy fee* ,u dan hekk kif anke indikat fid-dokument sottomess li jaghti stampa tal-polza li jghid:

*"Investment Allocation Rate: 100% after deduction of policy or top-up fee."*[4]

L-istess Skeda tindika wkoll il-fondi sottostanti maghzula u l-ammonti investiti rispettivi:

- *MSV With Profits Fund*
- *MSV Fidelity European Growth*
- *MSV Fidelity International Bond*
- *MSV Fidelity Greater China*

Fit-23 t'Ottubru 2007, l-ilmentatur hallas primjum addizzjonali fejn zied mal-ammont originarjament investit, is-somma ta' €6,988.12 (Lm3,000). L-*Endorsement*[5] provdut juri din iz-zieda fejn anke jindika kif dan l-ammont mizjud gie allokat f'fondi sottostanti addizzjonali:

- *MSV Fidelity India Focus*
- *MSV Fidelity MM Diversified*
- *MSV Fidelity MM Natural Resources*

[3] a fol. 44
[4] a fol. 30
[5] a fol. 45

Ghaldaqstant, l-ammont totali imhallas mill-ilmentatur fi primjums fil-*BOV Lifelink Investment Bond* kien jammonta ghal madwar €41,998.60, kif anke gie ikkonfermat mill-provditur:

*"... bejn Dicembru 2004 sa Ottubru 2007, l-ilmentatur hallas l-ammont totali ta' wiehed u erbghin elf, disa' mija u tmienja u disghin Ewro u sittin centezmu (€41,998.60)."*[6]

**Fatti ohra tal-kaz u analizi ta' dak li sehh**

Il-punt ewlieni imressaq mill-ilmentatur jittratta l-allegata nuqqas ta' attenzjoni min-naha tal-provditur fir-rigward tal-andament tal-investiment u eventwalment il-parir adegwat mill-istess provditur sabiex tittiehed azzjoni f'kaz ta' andament negattiv. Fl-affidavit tieghu, ND stqarr:

*"Jien dejjem fhimt illi l-bank kellu l-obbligu li jgharrafni jekk investiment kien sejjer hazin u jekk dan kien il-kaz jissuggerixxi li jinbidel."*[7]

Kif digà saret referenza aktar kmieni, l-ilmentatur stqarr li huwa garrab telf ta' €5,000 fuq perjodu ta' hames xhur – bejn Jannar u Mejju 2011. Ghaldaqstant, tajjeb li primarjament issir analizi tal-andament tal-investiment in kwistjoni billi tinghata harsa b'mod partikolari lejn il-*Valuation Statements* li gew provduti.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet[8], il-provditur sahaq li:

*"MSV Life, bhala principal, baghtet Investment Valuation lill-Investment Bond policyholders darbtejn fis-sena u cioè fix-xhur ta' Jannar u Lulju.*

*Ghandu jinghad illi matul il-perjodu li fih l-ilmentatur kien investit fl-Investment Bond, l-policyholders setghu jottjenu valwazzjonijiet bla hlas mill-ferghat kollha tal-Bank, u dan minghajr ebda limitazzjonijiet."*[9]

Permezz ta' diversi *Valuation Statements* provduti mill-ilmentatur, jindika li l-ilmentatur kien ghamel diversi talbiet ghal valutazzjonijiet addizzjonali minghand il-provditur, dan anke minhabba l-fatt, li dawn l-istess valutazzjonijiet jindikaw l-isem tar-rapprezentant li ssupplixxa dawn lill-ilmentatur innifsu.

---

[6] a fol. 40
[7] a fol. 65
[8] a fol. 101
[9] a fol. 104

Il-*Valuation Statements* provduti huma datata hekk kif gej:

- 20 ta' Settembru 2007
- 8 ta' Lulju 2010
- 11 ta' Frar 2011
- 5 ta' Lulju 2011
- 22 ta' Lulju 2011
- 3 t'Ottubru 2011
- 8 ta' Novembru 2011
- 9 ta' Dicembru 2011.

Minkejja li aktar kmieni digà saret referenza ghat-*top-up* li sar mill-ilmentatur f'Ottubru 2007, mid-dokumenti provduti m'hemm l-ebda indikazzjoni ta' x'sehh bejn l-2005 u Settembru 2007 (*Valuation Statement*[10] provdut jindika valur tal-investiment ta' Lm21,087.04/€49,119.59, kif ukoll bejn l-2007 (wara li thallas il-primjum addizzjonali) u t-8 ta' Lulju 2010, li hi d-data ta' *Valuation Statement*[11] li gie pprezentat mal-ilment.

L-ewwel *Valuation Statement* tas-sena 2011, li gie provdut huwa dak datat 11 ta' Frar 2011, li juri valur tal-investiment li jammonta ghal €55,708.33. Ghalkemm, kemm fl-ilment[12] tieghu kif ukoll fl-affidavit,[13] l-ilmentatur allega li permezz ta' laqghat mar-rapprezentant tal-provditur, hu kien kontinwament infurmat li l-valur tal-investiment nizel b'elf ewro kull xahar, dan ma jistax jigi ikkonfermat minhabba n-nuqqas ta' valwazzjonijiet prezentati.

Li jista' zgur jigi ikkonfermat hu l-fatt li, minkejja li mill-11 ta' Frar 2011 sal-5 ta' Lulju 2011, il-valur tal-investiment nizel bi ftit inqas minn elf ewro,[14] (jigifieri dan kwazi fuq medda ta' hames xhur), dan rega' tela' bi ftit iktar minn €400 f'temp

---

[10] a fol. 32

[11] a fol. 13

[12] a fol. 9

[13] a fol. 65

[14] Il-valur tal-investiment fil-11 ta' Frar 2011, kien jammonta ghal €55,708.33 (a fol. 10), filwaqt li nizel ghal €54,727.10 fil-5 ta' Lulju 2011 (a fol.31).

ta' inqas minn xahar.[15] Ghaldaqstant, ghalkemm l-ilmentatur sahaq li sa Mejju 2011 kien tilef is-somma ta' €5,000, mill-*Valuation Statements* provduti ma rrizultax li kien il-kaz, ghax ghalkemm kien hemm volatilità fil-prezz tas-suq li wasslet ghall-varjazzjonijiet fil-valur tal-investiment, fl-ebda hin ma rrizulta li l-istess valur tal-investiment nizel ghal inqas minn €41,998.60, li huwa l-ammont totali investit.

L-ilmentatur jghid li f'Mejju 2011,[16] wara li gie infurmat li kien rega' tilef €2,000 ohra mill-investiment tieghu:

*"... kelli nigbed l-ammont kollox ghax ma stajtx nibqa' nitlef il-flus hemmhekk."*

Izda, dan ma rrizultax li hu minnu.

Fil-kontroezami fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2017, l-ilmentatur xehed:

*"Nghid li wara Mejju 2011, il-bank m'ghamillix switches."*[17]

Izda, dokumenti prezentati mill-provditur juru li f'Awwissu 2011, kien hemm *switch* ta' €13,262.84,[18] filwaqt li f'Ottubru 2011, kien hemm *switch* ta' €16,881.93,[19] liema applikazzjonijiet[20] gew iffirmati mill-ilmentatur innifsu. Dawn is-*switches* gew anke ikkonfermati mir-rapprezentant tal-provditur, is-Sur Adrian Theuma, fix-xhieda tieghu fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2017, fejn xehed li:

*"... f'Awissu 2011, gie deciz li l-MSV Fidelity Euro Cash Fund jigi swiccjat ghal MSV with Profit Fund. Ahna konna iddecidejna li nhaddmu dak il-cash li kienu kwazi reqdin biex inpattu ghall-andament tas-suq kif kien sejjer dak iz-zmien.*

*F'Ottubru 2011, ergajna ezaminajna l-investiment u ghamilna nota qasira ghall-file. Il-klijent iddecieda li jipparkja xi fondi li kellu fl-Investment Bond li kienu volatili hafna fosthom Natural Resources Fund, il-Greater China Fund u xi ohrajn fil-Euro Cash Fund. U ghalhekk l-ammont gie kkristalizzat u hemmhekk, la jitla' u lanqas jinzel."*[21]

---

[15] Fil-5 ta' Lulju 2011, il-valur tal-investiment kien ta' €54,727.10 (a fol. 31), filwaqt li fit-22 ta' Lulju 2011, il-valur tal-investiment tela' ghal €55,154.64 (a fol. 14).

[16] a fol. 9

[17] a fol. 92

[18] a fol. 67

[19] a fol. 68/69

[20] a fol. 70/71

[21] a fol. 94

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet, il-provditur ikkonferma li din l-azzjoni kienet rizultat ta':

*"... 'parking strategy' fi zminijiet li ma jkunux stabbli."*[22]

Kuntrarjament ghal dak li qed jintqal mill-ilmentatur, dawn l-azzjonijiet huma evidenza tal-moniteragg min-naha tal-provditur li, meta rrizulta li kien hemm volatilità f'xi fondi sottostanti, ittiehdu l-mizuri necessarji ghal iktar stabbilità biex, eventwalment, jigi anke salvagwardjat, b'mod partikolari, l-ammont originarjament investit.

Ghalkemm l-ilmentatur jghid li kien f'Mejju 2011, li hu ddecieda li jigbed l-investiment tieghu sabiex jevita milli jigi sufferit iktar telf; apparti l-fatt li wara Mejju 2011, gew mahruga valwazzjonijiet ohrajn kif ukoll saru diversi *switches,* fil-kontroezami tieghu fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2017, hu xehed:

*"Ma niftakarx meta ghalaqt il-kont tal-bank. Nghid li dwar dati m'inix preciz, ma nistax niftakar."*[23]

F'dan ir-rigward, il-provditur jghid li:

*"Fil-21 ta' Dicembru 2011, l-ilmentatur iddecieda li jcedi (surrender) l-investiment ghan-net consideration ta' €49,128.48."*[24]

Dan hu evidenti wkoll mid-dokumenti prezentati li huma notifika[25] ufficjali datata 11 ta' Jannar 2012, minn *MSV Life plc*, kif ukoll minn *bank statement*[26] li juri depozitu ta' €49,128.48 minn *MSV Life plc* f'din l-istess data.[27]

Il-provditur tenna li kien il-klijent innifsu li ghazel li jifdi din il-polza, dan anke meta xahar biss qabel, precizament fid-9 ta' Novembru 2011, wara laqgha mar-rapprezentant tal-provditur, gie deciz li l-investiment ghandu jinzamm. Fil-fatt, *Valuation Statement* datat 8 ta' Novembru 2011, jinkludi nota mill-istess rapprezentant li tghid:

---

[22] a fol. 102
[23] a fol. 92
[24] a fol. 103
[25] a fol. 46
[26] a fol. 47
[27] Id-diskrepanza bejn il-21 ta' Dicembru imsemmi mill-provditur u l-11 ta' Jannar hija biss id-differenza fiz-zmien li l-applikazzjoni ta' *surrender* tal-polza hadet biex tigi processata.

*"Note for file: Meeting with customer held on the 9/11/2011 @ 9.00am. Review – to hold."*[28]

Fl-ilment tieghu, ND qed jitlob li jinghata kumpens ta' €5,000 li qed jishaq li hu ekwivalenti ghat-telf li hu garrab mill-investiment in kwistjoni.

Irid jinghad li l-ilmentatur naqas milli jipprezenta l-provi necessarji li juru dan l-allegat telf.

Il-valur tal-investiment in kwistjoni jiddependi mill-valur tal-fondi sottostanti, li huma suggetti ghall-volatilità ibbazata fuq l-andament tas-suq. Certament li wiehed jista' jikkonkludi li jkun hemm telf fuq l-investiment meta dan jinbiegh jekk l-ammont ricevut ikun inqas minn dak originarjament investit.

L-ammont totali investit mill-ilmentatur fil-*BOV Lifelink Investment Bond* – AP014968 jammonta ghal €41,998.60. Hekk kif evidenti fil-*bank statement*[29] provdut, l-ammont depozitat fil-kont tal-ilmentatur, meta l-polza giet *surrendered,* jammonta ghal €49,128.48. Dan ifisser li **l-ammont li dahhal l-ilmentatur kien ta' €7,129.88,[30] iktar minn dak investit**, dan anke meta giet imnaqqsa t-taxxa fuq il-qligh ta' 15%[31] u l-*exit charge*[32] ta' 3% skont it-tariffi u l-kundizzjonijiet tal-polza.

Dan il-qligh gie anke ikkonfermat mill-ilmentatur innifsu meta qal:

*"Nghid li investejt madwar €41,000. Nghid li naqbel li jien dahhalt dhul mill-investiment ta' €7,129."*[33]

Ghalhekk, meta l-Arbitru jikkunsidra l-fatti kollha u d-dokumentazzjoni kollha mressqa f'dan il-kaz, flimkien mar-rizultat ta' profitt li ghamel l-ilmentatur mill-polza in kwistjoni, it-talba ghal kumpens ma tistax tigi milqugha.

---

[28] a fol. 88
[29] a fol. 47
[30] €49,128.48 - €41,998.60 = €7,129.88
[31] a fol. 46 – minhabba li l-verzjoni tal-polza kienet dik *premier* (a fol. 44) u l-polza kienet ezistenti minn tal-inqas 5 snin izda inqas minn 10 snin, it-tariffa applikabbli kienet dik ta' 3.0%.
[32] a fol. 30
[33] a fol. 92

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet kollha moghtija aktar ‘il fuq l-Arbitru qed jichad l-ilment.

Peress li l-Arbitru cahad eccezzjoni preliminari tal-provditur tas-servizz u minhabba t-teknikalità tal-kaz, kull parti ghandha ggorr l-ispejjez taghha.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji